**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs.**

**Brian Caruana, iben Francis u Carmen nee` Fenech, imwieled Pietà, Malta fit-2 ta' Jannar 1975, residenti numru 1, Saint Anthony Alley, Ħamrun, u detentur tal-karta tal-identità bin-numru 58575 (M)**

*Drogi Sommarji Numru: 35/2016*

**Illum, 20 ta' Jannar, 2023**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Brian Caruana** u ċioe` talli:[1]

Bejn l-1 u t-2 ta' Marzu 2014, u fil-jiem ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Saħħa Pubblika, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x' jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

[1] Fol.11-12

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

3. Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex barra l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x' jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-8 ta' Lulju, 2022, fejn dik l-Onorabbli Qorti ordnat li l-atti fl-ismijiet premessi jiġu rinvjati lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex il-każ jerġa jiġi deċiż mill-ġdid skont il-liġi.

L-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta nżammet fit-23 ta' Settembru, 2022.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semgħet it-trattazzjoni.

**Preliminari**

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion* tal-4 ta' Mejju, 2022, fejn intqal:

19. ....Intqal hekk fl-aktar deċiżjoni reċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali[2]:

---

[2] QK – **Christopher Bartolo vs l-Avukat tal-Istat** – deċiża 26/04/2022

> **11. Illi dan ifisser ukoll li għalkemm jista' jkun li dik l-istqarrija maħlufa ma kisritx diġa` l-jedd fundamentali tal-appellat għal smigħ xieraq (minħabba li l-proċess kontrih għadu mhux mitmum), x'aktarx iġġiblu ksur ta' dak il-jedd li kieku wieħed kellu jqis dak li tgħid fiha u jimxi fuqha. .....**
>
> **15. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu ta' bilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun, u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda r-regola tibqa' li jitqies l-iter proċedurali kollu. ...**

Iżda finalment imbagħad ġie hekk deċiż:

> **Min-naħa l-oħra, bħalma din il-Qorti fis-sentenza tagħha fl-ewwel kawża kostituzzjonali sabet li kien jixraq li ma jsir l-ebda użu ieħor taż-żewġ stqarrijiet li r-rikorrent appellat ta lill-Pulizija, bla ma sabet li kien diġa` ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, hekk ukoll f'dan il-każ, il-fatt li din il-Qorti jidhrilha li ma għandu jsir l-ebda użu mill-istqarrija maħlufa li l-appellat għamel quddiem il-Maġistrat Inkwirenti, ma jfissirx li dan qiegħed isir għaliex huwa ġarrab ksur ta' dak il-jedd, imma sewwasew biex jitneħħa l-biżgħa li jista' jġarrab ksur bħal dak;**

20. Illi l-Qorti allura trid neċessarjament timxi mad-direzzjoni li qed tingħata mill-Qorti Kostituzzjonali, u dan għalkemm f'dan l-istadju tal-proċeduri ma jistax jingħad illi l-prova magħmula permezz tal-istqarrija tal-imputat hija mittiefsa minn xi difett proċedurali li jirrendieha inammissibbli. Dan qed isir ukoll bil-għan li jkun hemm trattament ugwali bejn il-persuni kollha li jersqu quddiem il-qrati penali sabiex ikunu ġġudikati dwar reati allegatament minnhom kommessi u wkoll sabiex ikunu evitati proċeduri ulterjuri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, bil-proċess ġudizzjarju jitwal inutilment.

Għaldaqstant qed jiġi deċiż li ma għandha jkollha l-ebda forza probatorja l-istqarrija[3] rilaxxata mal-Pulizija mill-imputat tenut kont li din ittieħdet fl-2014, dejjem skont ir-regoli viġenti li, iżda, ma kinux jipprovdu għall-preżenza ta' avukat fit-teħid ta' dik l-istqarrija. Dan qed iseħħ minkejja li fl-istess stqarrija Caruana ma jammetti għall-ebda reat.

---

[3] **Dok.FT3** a fol.29-30

Ikkunsidrat:

**L-ispettur Gabriel Micallef** spjega kif *"Fil-lejl ta' bejn l-ewwel (1) u t-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014), .... konna qed nagħmlu spezzjonijiet ġewwa clubs fil-gżira ta' Għawdex. Għal ħabta tat-tlieta nieqes ħamsa ta' filgħodu (~ 2.55 a.m.) konna ġewwa klabb ir-Rabat, konna n-naħa ta' fejn hemm it-toilets, innutajna persuna illi kien daħal ġewwa t-toilet u reġa' ħareġ, deher daqsxejn konfuż, ġiena suspett fuqu u pruvajna nwaqqfuh, identifikajna ruħna bħala pulizija biex nagħmlu tfittxija.* ***Dak il-ħin hu irritalja u beda jipprova jaħrab minn idejna.*** *Spiċċajna biex ngħidu hekk* ***nitmiegħku mal-art biex inżommuh u sakemm qed nippruvaw inżommuh beda joħroġ pakketti minn ġol-but u jarmihom mal-art****. Eventwalment kien ġie arrestat, inġabru l-pakketti li* ***kont rajtu jien stess jarmi****. Ingħata s-solitu twissija u ġie skortat l-għassa r-Rabat għal aktar investigazzjonijiet".*[4]

In kontro-eżami jagħti aktar dettalji: *"Mela, fil-klabb ma tantx konna ilna; .... dħalna niċċekkjaw it-toilets, hija rutina li mmorru niċċekkjaw it-toilets, għax ikun hemm ħafna abbuż ta' droga fit-toilets, ma kien hemm [nies] fit-toilets, kienu t-tnejn vojta, tan-nisa u tal-irġiel, waqafna qisna ngħidu kelma aħna stess hemmhekk f'dan il-kuritur, daħal Brian, daħal fit-toilet tal-irġiel u innutajnih li daħal u m'għamel xejn, ma użax it-toilets, u reġa' ħareġ. Dakinhar jiena niftakar li għamilt sinjal li sħabi biex inwaqqfuh u dak il-ħin konna waqqafnih.....Sakemm sar l-arrest, għax kien irreżista naqra, sakemm sar l-arrest hemmhekk fil-kuritur, not more then minuta u nofs.....kif morna avviċinajnih u għidnielu li aħna pulizija, prova jaħrab. Bdejna nissaraw miegħu biex inżommuh, baqa' jirreżisti, bdejna nippruva inniżżluh mal-art, kien liebes jeans, u x'ħin bdejna nniżluh mal-art* ***jiena innutajtu li beda jdaħħal idejh fil-but u jagħmel moviment qed jarmi, u indunajt li beda jarmi l-affarijiet mal-art.*** *....Dak il-ħin niħħendiljaw lilu tlieta konna hemm ġew.* ***rajtu jiena jdaħħal idejh fil-but, xħin konna qed nissaraw miegħu****......Quddiem it-toilets tal-irġiel......Il-kuritur tat-toilets stess, il-kuritur tat-toilets qisek ħiereġ 'il barra.... ma kien hemm ħadd fil-kuritur, fil-kuritur ma kien hemm ħadd ħlief aħna l-pulizija –....Fil-klabb tista' tgħid ma kien hemm ħadd għax prattikament kien għadu vojt il-klabb, kien baħħ;"*[5] Dettal ieħor li jagħti l-ispettur Micallef juri kemm hu preċiż in kwantu dwar dak li seħħ meta ġie interċettat l-imputat, tant li anke jiddeskrivi id-dehra tiegħu, xi ħaġa li hu biss kien kapaċi jagħmilha: *"Li niftakar kien maħmuġ, kellu, kien mimli għaraq, kellu ħmieġ ta' ġurnata sew fuqu, mhux tela' l-klabb dak il-ħin, kien ilu ġurnata jiġri barra żgur."*[6] Wara li ttieħed minnu l-Għassa hu ġie investigat mill-ispetturi addetti mal-għassa tar-Rabat, Għawdex, u dan hu korroborata mix-xhieda tal-

[4] Fol.53

[5] Fol.72-74

[6] Fol.75

Ispetturi Frank Tabone[7] u Bernard Charles Spiteri,[8] mid-dikjarazzjoni ta' rifjut għall-parir legali[9] kif ukoll mill-istqarrija[10] li hi ffirmata biss minn dawn l-uffiċjali iżda mhux mill-Ispettur Micallef.

**WPS44 Graziella Farrugia** xehdet li l-imputat kien ġie mwaqqaf mill-Ispettur Gabriel Micallef u ex-PS635 ġewwa l-Pyramid Club u filwaqt li beda jirreżistihom **beda jarmi pakketti** b'sustanza suspettata *ecstasy* w kokaina. Hi kienet maż-żewġ uffiċjali x'ħin **rat dan iseħħ** fil-kuridur viċin it-*toilets*. Meta dawn irnexxilhom jikkontrollawh, għamlulu **tfittxija u fuqu sabulu l-istess tip ta' *"pakketti suspettati kokaina u pilloli suspettati ecstasy"*, li beda jarmi bħalhom** u li nġabru mill-pulizija.[11] In kontro-eżami tkompli tispjega li Caruana twaqqaf fil-kuridur *"qisu kuridur dan"*[12] li hemm qabel it-toilets u kien hemm fejn beda **jarmi s-sustanzi li kellu w l-pilloli.**[13] Tikkonferma li twaqqaf minnha, mis-Surġent 635 u l-Ispettur Gabriel Micallef. Skont ix-xhud l-imputat ġie arrestat għall-ħabta tat-3 ta' filgħodu lejn l-aħħar tal-ħidma tagħhom ġewwa Għawdex li l-pulizija kienet qed tagħmel għax kien il-karnival. Tkompli tagħti xhieda li tikkorrobora fis-sħiħ dik tal-Ispettur Micallef: *"Dakinhar arrestajna ħafna nies naf żgur u hu wieħed minnhom li niftakar jiġifieri għax imbagħad tana kedda biex arrestajnih. Dik żgur niftakarha. ...ma arrestajnihx mill-ewwel għax kif għidtlek hu qabad jarmi l-affarijiet u mbagħad beda jirreżisti l-arrest u mbagħad daħlu ovvjament l-irġiel fin-nofs."*[14]

**L-ispettur Frank Tabone** xehed li meta ġie arrestat l-imputat mill-Ispettur Gabriel Micallef u ttieħed l-Għassa, Victoria huwa ġie mgħoddi sustanza bajda u pilloli suspettati drogi, li x-xhud ippreżenta in atti.[15]

**Il-Professur Emanuel Sinagra**, li ngħata inkarigu nhar it-28 ta' Lulju, 2017,[16] spjega kif l-*envelope* **Dok.FT1** esibit mill-Ispettur Tabone[17], kien jikkontjeni sustanzi illeċiti.[18] Sinagra jispjega li fil-qratas mgħoddija lilu, tlieta b'kollox ma nstabet l-ebda sustanza illeċita *"Però kien hemm imbagħad żewġt (2) iqratas b'xi*

[7] Fol.25-26
[8] Fol.31
[9] **Dok.FT2** a fol.28
[10] **Dok.FT3** a fol. 29-30
[11] Fol.21-22
[12] Fol.60
[13] Fol.59
[14] Fol.60-61
[15] **Dok.FT1** a fol.27
[16] Fol.24
[17] Ibid.
[18] Rapport **Dok.ES1** a fol.36 et seq

***tmintax (18)-il pillola blu.....Dawk kellhom is-sustanza MDMA, Ecstasy*** *jiġifieri. Kif ukoll kien hemm* ***erba' (4) pilloli f'qartas ieħor fejn dawn ukoll instabet l-MDMA*****.....*****Tnejn u għoxrin (22) kollox****".*[19] *Fir-rapport tiegħu jiddikjara "Din is-sustanza hija kkontrollata taħt Taqsima A, tat-Tielet Skeda tal-Kapitlu 31 tal-Liġijiet ta' Malta".*[20]

L-imputat **Brian Caruana** għażel li jieħu l-pedana tax-xhieda u spjega kif kien tela' Għawdex biex igawdi l-karnival fejn kien hemm attendenza kbira għalih inkluż fl-istabbiliment li kien hemm mat-800 ruħ dakinhar ġo fih.[21] Xprunat minn sensiela ta' <u>domandi suġġestivi għall-aħħar</u> Caruana jsemmi kif dam madwar għaxar minuti biex daħal fl-istabbiliment li jiddeskriviha bħala *"Id-dawl ikun, tipo, mhux ħa jkun qiegħed bħal hawnhekk, mhux ħa jkun qegħdin dlam, ikun li tara,.....it's like a tunnel".*[22] Stranament jagħmel dikjarazzjoni li għandha mill-ludikru meta anke skont id-difiża stess, li bid-domandi tagħha tindika li l-klabb kellu *security guards* tiegħu, Caruana jasal jgħid li saħansitra qabel ma daħal fil-klabb u kien għadu fil-*queue,* kienu qed isiru tfittxijiet fuq il-persuni mill-pulizija.[23] Jiċħad li rema xi pilloli u jkompli – dejjem mingħajr ma jsemmi ismijiet jew jagħti dettalji ulterjuri biex isaħħu dak li jiddikjara – li meta ġie mrassas mal-ħajt mill-pulizija għall-ewwel ħaseb li kien xi ħadd li *"Ħsibtu xi ħadd li kont qed immurlu mal-mara, għax kelli argument, tipo vera hekk, ex il-mara tiegħu, whatever".*[24] Ma jistax isib risposta li għandha mis-sewwa għall-fatt li l-kuntistabbli Farrugia xehdet li ratu jarmi affarijiet mill-but, u għas-sustanza li nstabet fuqu u r-risposti tiegħu jisfidaw l-intelligenza ordinarja li qed jiġu riprodotti proprju biex jiġi enfasizzat kemm dak li jgħid l-imputat m'għandux mis-sewwa u hu priv minn kull nitfa ta' kredibbilta':

> *"Dr Michael Sciriha: Issa, hawnhekk jiġifieri hawnhekk kien hawn WPS 44 li tgħid li –*
> *Il-Qorti: xehdet darbtejn.*
> *Dr Michael Sciriha: Eħe. Li tgħid li inti tgħid li bdejt tarmi l-affarijiet. X'għandek xi tgħid fuq hekk?*
> *Ix-xhud: M'għandix idea. Emminni, ma niftakarx li kien hemm... aħna qegħdin nitkellmu, meta tgħid xehdet qed tgħid bħala mara?*
> *Dr Michael Sciriha: Eħe.*
> *Il-Qorti: Surġent tal-pulizija.*
> *Dr Michael Sciriha: Mara.*
> *Il-Qorti: Xehdet darba, imbagħad reġgħet ġiet għall-kontro eżami, darbtejn.*
> *Ix-xhud: Nista' nsaqsi mistoqsija? Bħala xehdet hija mara?*

[19] Fol.33-34
[20] Fol.39, Rapport **Dok.ES1**
[21] Fol.85
[22] Fol.96
[23] Fol.86
[24] Fol.87

*Dr Michael Sciriha:* *Eħe, iva.*

*Ix-xhud:* *Definitely meta kien hemm dan ir-raġel, il-pulizija meta qegħdin ngħidu, hux hekk? Għax dan kien CID. Li ħabbatni ma', whatever it was insomma, li ġara l-argument u hekk, niftakar fiċ-ċar kristall dak il-ħin kienu wieħed u qisu kien hemm xi ħadd miegħu, ma niftakarx eżatt kif kienu eżatt, però ma niftakarx li kien hemm xi mara; setgħet kien hemm mara għax ifhimni waħda, ħeqq, nisa u rġiel kien hemm madwari, però ma niftakarx jekk ma kienx xi, whatever it is, ma nistax ngħidlek, inkun qed nigdeb hux.*

*Dr Michael Sciriha:* *Tiftakar din is-Sinjura kinitx hemm jew le int?*

*Ix-xhud:* *Emminni, kien hemm ħafna nies u dak il-ħin waqt l-argument ma nistax ngħid jekk hix din il-mara jew le, inkun qed nigdeb jekk ngħidlek iva fil-verità.*

*Dr Michael Sciriha:* *Din kienet qed tgħid li ratek toħroġ xi ħaġa mill-but –*

*Ix-xhud:* *żgur li le. Jekk qed tgħid hekk, qed tigdeb, mija fil-mija.*

*Dr Michael Sciriha:* *Issa, u kien hawn xi ħadd ieħor ukoll li xehed hekk, li rak tagħmel moviment u rak toħroġ xi ħaġa mill-but –*

*Ix-xhud:* *qed nitkellmu fuq raġel hekk.*

*Dr Michael Sciriha:* *Eħe.*

*Ix-xhud:* *Żgur li le. Inti din il-persuna li kellha x'taqsam fl-argument jew xi ħaġa oħra?*

*Dr Michael Sciriha:* *Kienet hemmhekk preżenti.*

*Ix-xhud:* *All right, all right, all right."*[25]

Id-difiża ma ġabet l-ebda prova biex tibda tissostanzja imqar xi dettal min dak li jsemmi l-imputat. Hu ovvju għaliex id-difiża tonqos milli tagħmel dan. Hu dak li ġab il-gideb tal-imputat; ma jistax jiġi pruvat dak li għażel iħarref l-imputat. Il-każ tad-difiża, li bir-raġun kellu jistrieħ fuq dak li jikkontendi l-imputat, hu msejjes fuq fabbrikazzjoni goffa u lampanti.

Il-każ tal-imputat hu msejjes għal kollox minn xhieda u dikjarazzjonijiet li baqgħu ma ġew korroborati lanqas b'farka ta' prova; imqarr waħda li hi waħda! Mhux talli hekk imma saħansitra qatt ma jistgħu jiġu korroborati proprju għaliex jisfidaw il-loġika u s-sens komun. Hu għalhekk li abbilment, id-difiża tissolleva dak li għaliha huma inkonsistenzi fil-każ tal-prosekuzzjoni, u ċioe' li hemm diverġenza bejn dak li jixhed l-Ispettur Micallef u s-surġent Graziella Farrugia, iż-żewġ uffiċjali li arrestaw l-imputat. Skont id-difiża hemm diverġenza bejniethom in kwantu għall-ħin li fih Caruana ġie arrestat kif ukoll dwar jekk u kemm kien affollat il-club fejn ġie miżmum l-imputat.

Jibda biex jingħad ċar u tond, anzi enfasizzat, li dawn iż-żewġ uffiċjali raw b'għajnejhom l-imputat li, fil-ħin tal-arrest liema arrest Caruana irreżista bil-kbir, jarmi pakketti li ngabru mill-istess uffiċjali u li wara ġie determinat li kien fihom pilloli *ecstasy* kif ukoll sustanza mhux ikkontrollata. Iktar sinifikanti

[25] Fol.88-89

minn hekk Farrugia issemmi kif minn fuq persuntu, wara tfittxija nstabet aktar mill-istess sustanza li kien qed jarmi bħalha! Jingħad l-ovvju, kien preċiżament għaliex rawh, **f'tentattiv wara l-ieħor, joħroġhom minn ġol-but u jarmihom** li nġibdet l-attenzjoni tagħhom għalihom!! Li kieku ma rema xejn, ma kinux ser jiġbru pakketti li **rawh jarmi! Fuqu sabu l-istess sustanza, iżda konvenjentement l-imputat dwar dan ma jlissen l-ebda kelma!!**

Dan kollu seħħ f'kuritur li fi kliem l-imputat stess jikkonferma li ma kienx hemm xi dalma li ma ppermettietx li wieħed jara sew dak li kien qed iseħħ, *"Id-dawl ikun, tipo, mhux ħa jkun qiegħed bħal hawnhekk, mhux ħa jkun qegħdin dlam, ikun li tara,.....it's like a tunnel".*[26] Irid jitfakkar li għalkemm Farrugia ma ipparteċipatx fl-arrest li sar minn uffiċjali tal-pulizija maskili fosthom mill-Ispettur Micallef, hi kienet *at a step back*, magħhom il-ħin kollu u b'hekk pożizzjonata tajjeb biex setgħet tosserva lil Caruana **għal darba wara l-oħra joħroġ affarijiet mill-but u jarmihom!**

Lanqas ma hemm xi inkonsistenza fejn seħħ l-arrest u dwar fejn l-imputat deher jarmi l-pakketti varji.

Dak li d-difiża għaliha hi inkonsistenza, u li għal dik ir-raġuni tkompli biex minħabba f'hekk tattakka l-kredibbilta' taż-żewġ uffiċjali tal-pulizija, hi għaliex Micallef isemmi li l-klabb kien vojt x'ħin sar l-arrest mentri Farrugia tisħaq li kien mimli nies.

(a). Issa fl-ewwel lok, din id-diverġenza fit-testimonjanza ma tnaqqas xejn mill-fatt li żewġ xhieda okulari raw lil Caruana jarmi l-pakketti in kwistjoni.

(b) *Multo magis* ma hemm l-ebda dubju li fuq il-persuna tiegħu nstabet aktar sustanza bħal dik li beda jarmi: ***"malli waqqfuh beda jirreżistihom u beda jarmi pakketti suspettati kokaina u pilloli suspettati ecstasy. Dawn irnexxielhom jikkontrollawh u komplew ifittxulu u komplew isibulu l-istess, pakketti suspettati kokaina u pilloli suspettati ecstasy."***[27]

(c) Irriżulta li l-imputat b'kollox kellu fuqu xejn anqas minn 22 pillola *ecstasy!;*

(d) Kemm Farrugia kif ukoll Micallef isemmu l-kedda li tahom Caruana. Kedda li segwiet wara li dan il-persuna irreżista l-arrest.

Hi tad-daħk, li kieku ma kienx qed jitkellem quddiem Qorti b'ġurament, li l-imputat jispjega r-reżistenza tiegħu għall-arrest kienet għaliex ħaseb li kien qed

[26] Fol.96
[27] Fol.21-22 per WPS G. Farrugia

jiġi konfrontat minħabba li kien qed jiffrekwenta mara miżżewġa. Ovvjament la jgħid meta kien qed iseħħ dan u għaliex kellu jistenna li fit-3am ġewwa Club f'Għawdex jiġi kkonfrontat fuq din ir-relazzjoni. Lanqas tissemma min kienet din il-mara u jekk veru ħaseb hekk, x'kien l-irwol tal-pulizija f'dan kollu inkluż dik ta' uffiċċjal mara. Qatt ma ġie pruvat - imqar sal-grad tal-possibbli - li l-pulizija ma identifikatx ruħha bħala pulizija. Inoltre bl-ebda sforz tal-immaġinazzjoni ma jista' xi darba jiġi assunt li l-pulizija issa qed tagħmilha ta' xi speċi ta' *viġilanti* fuq relazzjonijiet adulteri.

(e) Farrugia semmiet ukoll kif dak il-lejl saru diversi tfittxijiet mill-pulizija li niżlet Għawdex minn Malta appożitament sabiex fil-jiem tal-karnival ikun hemm preżenza tal-Pulizija biex tinterċetta u tipprevjeni reati konnessi ma' abbuż ta' droga. Dan sar mhux biss fil-Pyramid Club iżda f'għadd kbir ta' *clubs* madwar il-gżira Għawdxija.

(d) Punt ieħor li jkompli jsaħħaħ dak li jixhed Micallef li l-klabb ma kienx frekwentat, hu li Farrugia mkien ma tgħid li l-arresti varji saru mill-club in kwistjoni:[28]

> *"Ix-xhud:*
> *......Dakinar arrestajna hafna nies żgur u hu wieħed minnhom li niftakar jiġifieri għax imbagħad tana kedda biex arrestajnih. Dik żgur niftakarha.*
> *L-Avukat Dottor Michael Sciriha:*
> *Jiġifieri dakinhar arrestajtu ħafna nies.*
> *Ix-xhud:*
> *Eżatt. Kien il-karnival dakinhar.*
> *L-Avukat Dottor Michael Sciriha:*
> *Eħe. U ma tiftakarx eżatt liema arrest kien? Kienx tal-bidu jew tal-aħħar?*
> *Ix-xhud:*
> *Le le kien lejn l-aħħar. Kien kważi ħa joqorbu it-tlieta tal-filgħodu (> 3.00 a.m.) għax lejn l-aħħar kien dan.*
> *L-Avukat Dottor Michael Sciriha:*
> *Fil-fatt id-domanda li kien se jmiss kien fi xħin kien dan?*
> *Ix-xhud:*
> *Kien hekk ħa jdoqqu dalwaqt it-tlieta (> 3.00) kienu."*

B'hekk meta qabel issemmi wkoll li *"hemmhekk bdejna naghmlu ħafna searches"*[29] għalkemm ix-xhud tista' tassew tiftakar li hekk kien seħħ, fl-ebda ħin ma tikkuntrarja lil Micallef dwar dak li b'għajnejha stess assistiet għalih u ċioe' li l-imputat irreżista l-arrest u fl-istess ħin beda jarmi sustanza u pilloli mill-but.

[28] Fol.60-61
[29] Fol.59

(f) Il-Qorti tqis li hi x-xhieda ta' Micallef li għandha mis-sewwa. Dan jemana mill-fatt li kemm Farrugia u l-istess Micallef isemmu li wara l-arrest ta' Caruana telgħu Malta.

Ma jridx jintesa li in eżami, u skont in-notamenti tiegħu li reġa' kkonsulta meta ttella jixhed in kontro-eżami, jiddikjara li l-arrest sar għall-ħabta tat-**3am.** Dan hu korroborat totalment mis-Surġent Farrugia meta tiddeskrivi li wara l-arrest ta' Caruana, ħaduh l-għassa tar-Rabat (Victoria), u wara qabdu l-vapur tal-<u>5am</u> lejn Malta!

(g) Hu hawn fejn jibda jagħmel sens dak li jixhed Micallef li l-klabb kien żvojta minn nies. Wara kollox għalkemm kien il-lejl tal-karnival, il-ħin kien sar u hu mistenni li fit-3am il-lokalitajiet jibdew jiżvojtaw.

Ma jridx jiġi minsi li dan il-klabb jinsab ir-Rabat u mhux in-Nadur il-qofol tal-lokalitajiet fejn jiġi ċelebrat il-karnival f'Għawdex.

In konklużjoni, jibqa' l-fatt li d-diskrepanza dwar jekk il-klabb kienx frekwentat o meno ma jimmilita assolutament xejn biex ixxejjen dak li x-xhieda okulari, Farrugia u Micallef rawh jagħmel u ċioe' kif irreżista l-arrest u beda jarmi affarijiet mill-but, li kif intqal kienu droga ecstasy; fejn minn tfittxija fuqu nstabu aktar mill-istess. Ma jirriżulta ebda dubju li fil-ħin li kien qed jiġi miżmum Caruana, beda jarmi l-*ecstasy* u dak il-ħin kienu l-pulizija waħedhom fil-kuridur, għaliex is-*security* malli ntebħu li kienet operazzjoni tal-pulizija ma intervenewx.

Dawn ir-riżultanzi ma jħallu ebda dubju għall-qorti li tassew Caruana kellu fuq persuntu u ċioe' fil-but tal-*jeans*[30] li kien liebes 22 pillola ecstasy.

Fis-sentenza riċentement mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Grech**, il-Qorti għamlet għadd ta' kunsiderazzjoni li jsibu applikazzjoni għall-każ odjern:[31]

> L-imputat jinsisti, anke bil-gurament, li din is-sustanza ma kinitx tieghu u lanqas ma kienet fil-pussess tieghu. Madanakollu, tlett uffiċjali tal-pulizija jikkonfermaw bil-gurament li huma raw lill-qua imputat jarmi l-imsemmija kaxxa tas-sulfarini mal-art. PS279 Gauci jghid li hu osserva lill-imputat jarmi xi haga kbira tal-plastic fil-gnien tal-lukanda Westin. Jghid li marru jkellmuh izda hekk kif bdew jersqu lejh huwa deher ecitat. Gauci jghid ukoll jiggenneb u jitfa' xi haga. Dak il-hin, dejjem skond l-istess xhud, inzerta hiereg Clifford Bugeja, li nhassad bl-azzjoni li kien ghamel il-qua imputat. PC 538 Azzopardi jghid li hekk kif niezlu mill-vettura huma raw lill-imputat li kien jidher ecitat u ġie osservat jipprova jghaddi kaxxa tas-sulfarini lil terza persuna. Mitlub mill-Qorti jispjega izjed fid-dettal dak li l-imputat ġie osservat jaghmel, Azzopardi jispjega li ma kienx cert jekk il-kaxxa tas-sulfarini harigiex mill-but jew kienet f'idu, izda huwa prova jwaddaba u din

[30] Fol.73

[31] Per Onor. Maġistrat Dr. Elaine Mercieca. Deċiża 6 ta' Ottubru, 2022; Każ Nru.259/15

waqghet mal-art. PC454 Bugeja jispjega li ra lill-imputat jwaddab siggu. Ghaldaqstant marru sabiex ikellmuh u beda jagixxi b'mod stramb. Bugeja jispjega li hekk kif ser jibdew ikellmuh bil-ghan li jaghmlu tfittxija, Grech hareg qisha kaxxa tas-sulfarini mil-but u waddabha lil terza persuna li kien qieghed ftit 'il gewwa mill-istess stabbiliment. It-testimonjanzi ta' dawn l-uffiċjali tal-pulizija ma humiex identici madanakollu huma verosimili. Dan għaliex għalkemm id-dettalji mghotija ma humiex identici (fattur li jindika li l-uffiċjali ma ftehmux dwar il-verzjoni taghhom) dawn jaqblu fil-gist taghhom. It-tlett uffiċjali jispjegaw li huma raw lill-imputat iwaddab kaxxa tas-sulfarini li kienet fil-pussess tieghu. L-imputat fix-xhieda tieghu jinnega li ghamel dan madanakollu ma joffri l-ebda spjegazzjoni kif propju huwa ġie osserat jaghmel dan mhux biss minn persuna wahda izda minn tlett uffiċjali tal-pulizija. Konsegwentament fil-fehma ta' din il-Qorti, fid-dawl tax-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija, jirrizulta pruvat li l-qua imputat kien fil-pussess tal-imsemmxija kaxxa tas-sulfarini li sussegwentament irrizulta li kienet kontenenti tnax-il pillola MDMA.

Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta ukoll pruvat li dan il-pussess kien wiehed xjenti. L-imputat kien tant konsapevoli ta' dak li kellu fil-pussess tieghu u l-istat tal-illegalita' li huwa kien fiha li huwa prova jarmi l-istess kaxxa sulfarini kontenti l-pilloli MDMA.

Galadarba ġie stabbilit il-pussess xjenti tal-MDMA jonqos biss li din il-Qorti tiddetermina jekk il-pussess ta' pilloli MDMA kienx wiehed f'cirkostanzi li jindikaw li ma kienux ghall-uzu esklussiv tieghu jew xort'ohra. Jingħad illi sabiex persuna tinsab hajta ta' pussess aggravat il-prosekuzzjoni ma hijiex tenuta tipprova li l-imputat kellu l-intenzjoni jispacca d-droga. Hawnhekk issir referenza ghas-sentenza Il-Pulizija v. Jason Mallia, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) irriteniet illi:

> *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

B'mod identiku, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Lawrence Fabri mghotija fis-27 t'April 2017 ntqal:

> "*Issa l-appellanti jishaq illi l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni skorretta tal-principju legali tal-pussess aggravat tad-droga billi biex jissussisti dan ir-reat, fil-fehma tieghu, hemm il-htiega li l-ewwel u qabel kollox tigi ippruvata l-intenzjoni ta' l-ispacc u cioe' illi l-pussess tal-awtur tar-reat irid ikun wiehed intiz ghall-ispacc. Dan ma jirrizultax, jikkontendi, mill-atti probatorji. Issa qabel xejn jinghad illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u ghalhekk l-argument ta' dritt li iressaq 'il quddiem l-appellanti huwa bir-rispett ibbazat fuq premessi legali zbaljati. Illi l-appellanti jaghmel referenza ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "possession with intent to supply", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-*

*pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Din l-istess sentenza tispecifika ukoll it-tip ta' prova li tista' titressaq in konnessjoni mal-imputazzjoni ta' pussess aggravat.

*"Illi maghmula din id-distinzjoni xortawahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.*

*"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:*

* *Possession of a quantity inconsistent with personal use.*
* *Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.*
* *Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.*
* *Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has been cut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.*
* *Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).*
* *Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.*
* *Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.*
* *Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69.*
* *Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to an issue in the case.4"*

*Fil-fatt l-artikolu 3(3) tal-UN Convention Against Illict Traffic in Narcotic Drugs jistabilixxi ai fini tal-pussess aggravat tad-droga illi:*

*"Knowledge, intent or purpose required as an element of an offence set forth in paragraph 1 of this article* ***may be inferred from objective factual circumstances****."*

*Dan ifisser allura li aktar mill-kwantita jew ammont ta' droga li tinsab fil-pussess tad-delinkwent, huma ic-cirksotanzi kollha tal-kaz u x'inferenza tista issir mill-istess li għandha tiggwida lill-gudikant meta si tratta tar-reat tal-pussess aggravat ta' droga ikun x'ikun l-ammont , kwalita jew kwantita ta' droga involuta. Illi l-qrati Maltin jiggwidaw lil min hu imsejjah biex jiggudika illi għalkemm l-*

*ammont ta' droga misjuba ghand il-persuna suspettata hija indikattiva madanakollu mhux din ic-cirkostanza biss hija indikattiva tal-pussess aggravat u allura imxew fuq dak stabbilit fil-Konvenzjoni tal-Gnus Maghquda surriferita."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fis-sentenza Il-Pulizija vs. Ernest Briffa, l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ghamlet referenza ghal diversi sentenzi ohra filwaqt kompliet tispjega dawk il-fatturi li jsawru l-elementi tal-pussess aggravat.

*"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*

*'Illi kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero` kif ġie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-ieħor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"* (Sottolinear ta din il-Qorti)

Stabbiliti dawn il-principji gurisprudenzjali, jinghad li mill-provi mressqa jirrizulta li l-ammont ta' pilloli misjuba fil-pussess ta' Grech kien dak ta' tnax-il pillola. Dan ma huwiex ammont traskurabbli. Lanqas ma huwa ammont li persuna hija mistennija li tikkonsmaha wahedha f'lejla iktar u iktar meta f'dak il-lejl l-imputat kien xoghol. Dawn il-pilloli nstabu kollha fil-pussess ta' Grech gewwa kaxxa ta' sulfarini waqt li l-qua imputat kien gewwa Paceville, post maghruf maz-zaghzagh ghad-divertiment. Dawn il-pilloli nstabu ukoll fl-istess waqt li l-qua imputat kien fil-pussess ta' sustanza ohra (hekk kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem f'din is-sentenza) kif ukoll l-ammont ta' 'l fuq minn Eur. 600 fi flus kontanti fuq il-persuna tieghu. Tenut kont dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tinsab sodisfatta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi li l-pussess tal-imputat tal-pilloli MDMA ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fuq skorta ta' dan it-tagħlim m'hemmx dubju li għandha tinstab ħtija fl-imputat għall-ewwel imputazzjoni.

Issa dan kollu seħħ ġewwa club*, entertainment venue*, bl-isem tal-Pyramid Club[32] fejn anke minn dak li jixhed l-imputat stess, jikkonferma li kellu jistenna fi *queue* biex jidħol tant kemm kien hemm nies deħlin fil-Pyramid Club *"l-ex-Pyramid...wiehed mill-ikbar clubs ta' Ghawdex sa fejn naf jien"*.[33] Mill-parti tagħha l-abbli difiża ssostni li ma nġabitx il-prova li l-lokal in kwistjoni kien lokal li jiġi frekwentat minn żgħażagħ.

Kull min hu midħla t'Għawdex u senjatament il-każini tar-Rabat, dak tal-Astra (tal-Istilla) u dak tal-Aurora (tal-Iljun) hu konsapevoli li dawn iż-żewġ każini kienu konnessi mal-clubs Ku u Pyramid rispettivament. Qed jissemma l-Ku peress li għal xi raġuni Farrugia fil-kontro-eżami tagħha ssemmi li l-imputat ġie arrestat fil-Ku Club meta fl-ewwel xhieda tagħha[34], fix-xhieda tal-Ispettur Tabone[35], kif jixhed Micallef[36] u anke kif jikkonferma l-abbli difensur bid-domandi minn tiegħu - fejn jinsisti li Caruana kien propju fil-Pyramid Club[37] ma jifdalx dubju li Caruana kien ġewwa l-Pyramid club. Dan il-club fiż-żmien li seħħew l-imputazzjonijiert kien jiftaħ għal avvenimenti bħal ma huma l-karnival, *discos* tal-festa, Milied u l-ewwel tas-sena. Madanakollu jekk kienx il-Ku jew il-Pyramid, hu għal kollox irrelevanti tenut kont ta' kif ġiet impostata l-ewwel imputazzjoni, li ssemmi biss li r-reat sar f'Għawdex. Hu biss għall-fini tal-aggravvju addebitat lill-imputat li dan il-punt jakkwista rilevanza.

Għalhekk il-fatt li l-prosekuzzjoni semmiet kif l-imputat instab bil-pilloli fil-Pyramid Club iwassal sabiex ġie pruvat l-aggravvju li ssir riferenza għalih fit-tieni *proviso* tal-artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-difiża tagħmel riferenza għas-sentenza **Il-Pulizija vs Munir Mohamed Ali Gammudi** fejn intqal:[38]

> Illi t-tieni imputazzjoni giet dedotta in konnessjoni mal-ewwel imputazjoni bhala aggravju, f'sens li l-qua imputat instab f'pussess aggravat tal-Cannabis fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh. Illi mill-atti processwali ma jirrizultax li l-prosekuzzjoni gabet l-ebda prova sabiex tipprova dawn l-aggravju.

---

[32] Xhieda Spettur Frank Tabone a fol.25
[33] Fol.85
[34] Fol.21
[35] Fol.21
[36] Fol.72
[37] Fol.59-50
[38] Per Onor. Maġistrat Dr. Elaine Mercieca. Deċiża 15 ta' Diċembru, 2021; Każ Nru.338/2014

> La ressqet xhieda f'dan is-sens u lanqas ma talbet ghall-hatra ta' espert (perit) sabiex jikkonstata d-distanza tal-mitt metru. Dana minkejja li d-difiża u/jew l-imputat fl-ebda hin ma ezentaw lill-prosekuzzjoni mill-provi li jistghu jissostanzjaw dan l-aggravju. Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad rikjest mill-ligi dina l-imputazzjoni u ghaldaqstant dina l-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-imputat odjern mill-istess.

Pero' fil-każ in deżamina ma kienx jinħtieġ l-ebda perit ġaladarba l-imputat instab proprju **ġo stabbiliment, ġo club**, fejn normalment u partikularment fih jiltaqgħu ż-żgħażagħ. It-tieni *proviso* imsemmi jipprovdi:

> Iżda wkoll, meta persuna tinsab ħatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar **fi**, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, **club** jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi **post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ**

Caruana kien **ġol-club, ġol-post fejn jiltaqgħu normalment iż-żgħażagħ,** saħansitra fuq in-naħa ta' ġewwa, fil-qalba tiegħu ħdejn fejn jinsabu t-toilets.

Li l-Pyramid, bħal Ku club li ssemma wkoll, huma **clubs** li meta jsir avvenimenti fihom huma l-aktar popolari mal-ġenerazzjoni żagħżugħa, hu fatt magħruf min kull minn hu midħla tad-divertiment f'din il-gżira u senjatament mill-imputat innifsu li jikkonferma li hu kien qed jiddiverti ġewwa *"l-ex-Pyramid...wiehed mill-ikbar clubs ta' Ghawdex sa fejn naf jien"*.[39] Għaldaqstant l-aggravvju kontemplat bit-tieni *proviso* għall-artikolu 120A(2) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ġie pruvat sal-grad rikjest.

Dwar il-piena l-Qorti ma setgħetx ma tinnotax kif każ fejn ix-xhieda li jingħaddu fuq l-id waħda u fejn il-proċeduri dwaru nbdew fl-2016, sentejn wara d-data tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, dam ħames snin sabiex jiġi determinat. Ġie osservat kemm il-prosekuzzjoni naqset f'diversi okkażjonijiet sabiex tmexxi l-proċeduri bl-ispeditezza li kull proċess penali jixraqlu. Kien hemm imbagħad dewmien dovut għall-imputat stess. Jibqa' l-fatt li dan il-każ jirrisali għall-2014, kważi disa' snin ilu. Dan il-kwadru ta' fatti għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni fil-piena li għandha tiġi erogata.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li l-ammont ta' droga kien dak ta' 22 pillola *ecstasy*, ċertament ammont konsiderevoli. Il-Qorti qieset il-fedina penali tal-imputat minn fejn jirriżulta li mhux xi *first time offender*, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

---

[39] Fol.85

Għal dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 40A, 120A(1)(a)(2)(b)(i) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, (Liġi Sussidjarja 31.18), (Avviż Legali 22 tal-1985), issib l-imputat ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni, tilliberah mit-tieni imputazzjoni u tikkundannah għal **ħdax (11)-il xahar priġunerija** u **multa ta' ħames mitt ewro (€500).**

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-imputat iħallas **€637.27** rappreżentanti spejjez peritali.

**(ft) Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

**(ft)Deputat Reġistratur**